II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/798

tas-17 ta' Mejju 2019

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 tat-18 ta' Jannar 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 442/2011 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 32(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Jannar 2012 il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja.

(2) Abbażi tar-rieżami tal-miżuri, l-entrati għal 59 persuni soġġetti għal miżuri restrittivi kif indikati fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 jenħtieġ li jiġu emendati.

(3) Jenħtieġ li disa' entrati jitħassru mil-lista ta' persuni u entitajiet dežinjati.

(4) Wara s-sentenzi tal-Qorti Ġenerali tal-31 ta' Jannar 2019 fil-Kawża T-667/17, Alkarim for Trade and Industry vs il-Kunsill, u fil-Kawża T-559/17, Abdulkarim vs il-Kunsill, Alcarim for Trade and Industry u Mouhamad Wael Abdulkarim mhumiex inklużi fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012.

(5) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 huwa emendat kif indikat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 16, 19.1.2012, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Mejju 2019.

Għall-Kunsill

Il-President

E.O. TEODOROVICI

ANNESS

L-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) il-Parti A ("Persuni") hija emendata kif ġej:

(a) l-entrati li ġejjin jissostitwixxu l-entrati korrispondenti fil-lista:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"6.	Muhammad (محمد) Dib (ديب) Zaytun (زيتون) (magħruf ukoll bħala Mohammed Dib Zeitoun; magħruf ukoll bħala Mohamed Dib Zeitun)	Data tat-twelid: 20.5.1951; Post tat-twelid: Jubba, il-provinċja ta' Damasku, is-Sirja; Passaport diplomatiku Nru D000001300; Sess: raġel	Kap tad-Direttorat tas-Sigurtà Ġenerali; involut fil-vjolenza kontra d-dimostranti.	9.5.2011
7.	Amjad (أمجد) Abbas (عباس) (magħruf ukoll bħala Al-Abbas)	Sess: raġel	Eks Kap tas-Sigurtà Politika f'Banyas, involut fil-vjolenza kontra d-dimostranti f'Baida. Promoss għall-grad ta' Kurunell fl-2018.	9.5.2011
10.	Jamil (جميل) (magħruf ukoll bħala Jameel) Hassan (حسن) (magħruf ukoll bħala al-Hassan)	Data tat-twelid: 7.7.1953; Post tat-twelid: Qusayr, Provinċja ta' Homs, is-Sirja; Kap tal-Intelligence tal-Forza tal-Ajru Sirjana; Sess: raġel	Uffiċjal fil-grad ta' Maġġur Ġeneral fil-Forza tal-Ajru Sirjana fil-kariga wara Mejju 2011. Kap tal-Intelligence tal-Forza tal-Ajru Sirjana fil-kariga wara Mejju 2011. Responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	9.5.2011
14.	Brigadier Ġeneral Mohammed Bilal (magħruf ukoll bħala Logutenent Kurunell Muhammad Bilal)	Sess: raġel	Bħala uffiċjal għoli fis-Servizz tal-Intelligence tal-Forza tal-Ajru tas-Sirja, hu jappoġġa lir-reġim Sirjan u huwa responsabbli għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. Hu assoċjat ukoll maċ-Ċentru ta' Riċerka tal-Istudji Xjentifiċi (SSRC) elenkat. Kap tal-pulizija ta' Tartus minn Diċembru 2018.	21.10.2014
20.	Bassam (بسام) Al Hassan (الحسن) (magħruf ukoll bħala Al Hasan)	Data tat-twelid: 1961 Sess: raġel	Konsulent Presidenzjali għall-Affarijiet Strateġiċi; involut fil-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili.	23.5.2011
31.	Maġġur Ġeneral Tawfiq (توفيق) (magħruf ukoll bħala Tawfik) Younes (يونس) (magħruf ukoll bħala Yunes)	Sess: raġel	Eks Kap tad-Dipartiment għas-Sigurtà Interna tad-Direttorat tal-Intelligence Ġenerali; involut fil-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili.	1.8.2011
36.	Nizar (نزار) al-Asaad (الأسعد) (magħruf ukoll bħala Nizar Asaad)	Sess: raġel	Negozjant prominenti Sirjan b'rabtiet mill-qrib mar-reġim. Kuġin ta' Bashar Al-Assad, u assoċjat mal-familji Assad u Makhlouf. Bħala tali, kien qed jipparteċipa fir-reġim Sirjan, igawdi minnu jew inkella jappoġġah. Investitur ewlieni fiż-żejt u preċedentement kap tal-kumpannija "Nizar Oilfield Supplies".	23.8.2011

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
41.	Ali (علي) Douba (دوبا)	Data tat-twelid: 1933; Post tat-twelid: Karfis, is-Sirja; Sess: raġel	Konsulent speċjali għall-President Al-Assad. Bħala Konsulent Speċjali, jipparteċipa fir-reġim ta' Assad, igawdi minnu, u jappoġġah. Kien involut fir-repressjoni vjolenti tal-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	23.8.2011
48.	Samir (سمير) Hassan (حسن)	Sess: raġel	Negozjant prominenti li jopera fis-Sirja, b'interessi u/jew attivitajiet f'bosta setturi tal-ekonomija tas-Sirja. Għandu interessi fi u/jew għandu influwenza sinifikanti fl-Amir Group u Cham Holdings, żewġ konglomerati b'interessi fis-setturi tal-proprjetà, it-turiżmu, it-trasport u l-finanzi. Minn Marzu 2014 sa Settembru 2018, huwa okkupa l-kariga ta' President għar-Russja tal-Kunsilli ta' Negozju Bilaterali wara l-ħatra tiegħu mill-Ministru għall-Ekonomija, Khodr Orfali. Samir Hassan jappoġġa l-isforz ta' gwerra tar-reġim permezz ta' donazzjonijiet ta' flus. Samir Hassan huwa assoċjat ma' persuni li jgawdu mir-reġim u jappoġġawh. B'mod partikolari, huwa assoċjat ma' Rami Makhlouf u Issam Anbouba, li ġew dežinjati mill-Kunsill u jgawdu mir-reġim Sirjan.	27.9.2014
49.	Fares (فارس) Chehabi (شهابي) (magħruf ukoll bħala Fares Shihabi; Fares Chihabi)	Iben Ahmad Chehabi Data tat-twelid: 7.5.1972 Sess: raġel	President tal-Kamra tal-Industrija ta' Aleppo; President tal-Federazzjoni tal-Kmamar tal-Industrija mis-16.12.2018. Viċi President ta' Cham Holding. Jipprovdi appoġġ ekonomiku lir-reġim Sirjan. Membru tal-Parlament Sirjan mill-2016.	2.9.2011
51.	Issam (عصام) Anbouba (أنبوبا)	President ta' Anbouba for Agricultural Industries Co. Data tat-twelid: 1952; Post tat-twelid: Homs, Sirja; Sess: raġel	Jipprovdi appoġġ finanzjarju għall-apparat repressiv u għall-gruppi paramilitari li jużaw il-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja. Jipprovdi proprjetà (binjiet, imħażen) għal ċentri ta' detenzjoni improvviżati. Għandu relazzjonijiet finanzjarji ma' uffiċjali għoljin Sirjani. Kofundatur u membru tal-bord ta' Cham Holding.	2.9.2011
55.	Kurunell Lu'ai (لؤي) (magħruf ukoll bħala Louay, Loai) al-Ali (العلي)	Post tat-twelid: Jablah, Provinċja ta' Latakia Sess: raġel	Kap tal-Intelligence Militari Sirjana, Fergħa ta' Dara'a. Responsabbli għall-vjolenza kontra d-dimostranti f'Dara'a.	14.11.2011
78.	Maġġur Ġeneral Ali (علي) Barakat (بركات)	Sess: raġel	Il-103 Brigata tad-Diviżjoni tal-Gwardja Repubblikana. Uffiċjal militari involut fil-vjolenza f'Homs. Promoss għal Maġġur Ġeneral fl-2017.	1.12.2011

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
79.	Maġġur Ġeneral Talal (طلال) Makhluf (مخلوف) (magħruf ukoll bħala Makhlouf)	Sess: raġel	Eks kmandant tal-105 Brigata tal-Gwardja Repubblikana. Eks kmandant ġeneral tal-Gwardja Repubblikana. Kmandant attwali tat-Tieni Korp. Membru tal-Forzi Armati Sirjani fil-grad ta' Maġġur Ġeneral fil-kariga wara Mejju 2011. Uffiċjal militari involut fil-vjolenza f'Damasku.	1.12.2011
99.	Maġġur Ġeneral Mohamed (محمد) (magħruf ukoll bħala Mohammad, Muhammad, Mohammed) Khaddor (خضور) (magħruf ukoll bħala Khaddour, Khaddur, Khadour, Khudour)	Kmandant tal-106 Brigata, Gwardja Presidenzjali; Sess: raġel	Ta ordnijiet lit-truppi biex isawtu d-dimostranti bil-bsaten u mbagħad jarrestawhom. Responsabbli għar-repressjoni ta' dimostranti paċifiċi f'Douma.	23.1.2012
104.	Mohamed (محمد) (magħruf ukoll bħala Mohammad, Muhammad, Mohammed) Heikmat (حكمت) (magħruf ukoll bħala Hikmat, Hekmat) Ibrahim (إبراهيم)	Sess: raġel	Bħala eks Kap tal-Fergħa Operattiva tad-Direttorat għas-Sigurtà Politika, kien responsabbli għad-detenzjoni u t-tortura tad-detenuti.	23.1.2012
128.	Brigadier Ġeneral Burhan (برهان) Qadour (قدور) (magħruf ukoll bħala Qaddour, Qaddur)	Sess: raġel	Eks kap tal-Fergħa 291 (Damasku) tas-servizz tal-intelligence tal-armata tal-art. Responsabbli għat-tortura ta' avversarji detenuti.	24.7.2012
135.	Brigadier Ġeneral Suhail (سهيل) (magħruf ukoll bħala Suheil) Al-Abdullah (العبدالله) (magħruf ukoll bħala Al- Abdallah)	Sess: raġel	Direttur tal-fergħa ta' Latakia tas-Servizz tal-Intelligence tal-Armata tal-Ajru. Responsabbli għat-tortura ta' avversarji detenuti.	24.7.2012
139.	Maġġur Ġeneral Hussam (حسام) (magħruf ukoll bħala Husam, Housam, Houssam) Luqa (لوقا) (magħruf ukoll bħala Louqa, Louca, Louka, Luka)	Data tat-twelid: 1964; Post tat-twelid: Damasku Sess: raġel	Minn April 2012 sat-2.12.2018, kien il-kap tal-fergħa ta' Homs tad-Direttorat tas-Sigurtà Politika (wara l-Brigadier Ġeneral Nasr al-Ali). Mit-3.12.2018, kap tad-Direttorat tas-Sigurtà Politika. Responsabbli għat-tortura ta' avversarji detenuti.	24.7.2012
144.	Ahmed (أحمد) (magħruf ukoll bħala Ahmad) al-Jarroucheh (الجاروشة) (magħruf ukoll bħala Al-Jarousha, Al-Jarousheh, Al-Jaroucha, Al-Jarouchah, Al-Jaroucheh)	Data tat-twelid: 1957; Sess: raġel	Eks kap tal-fergħa esterna tal-Intelligence Ġenerali (fergħa 279). Bħala tali, huwa responsabbli mill-mezzi tal-Intelligence Ġenerali fl-ambaxxati Sirjani.	24.7.2012

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
160.	Dr. Hazwan (هزوان) Al Wez (الوز) (magħruf ukoll bħala Al Wazz)	Sess: raġel	Eks Ministru għall-Edukazzjoni, maħtur f'Lulju 2016. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012
188.	Bishr Riyad Yazigi	Data tat-twelid: 1972; Sess: raġel	Konsulent tal-President tas-Sirja. Ex-Ministru għat-Turiżmu. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	24.6.2014
211.	Hilal Hilal (magħruf ukoll bħala Hilal al-Hilal) (هلال هلال)	Data tat-twelid: 1966; Sess: raġel	Membru tal-milizzji affiljati mar-reġim magħrufin bħala "Kataeb al-Baath" (Il-milizzja tal-Partit Baath). Viċi President tal-Partit Baath. Jappoġġa r-reġim permezz tar-rwol tiegħu fir-reklutaġġ u l-organizzazzjoni tal-milizzja tal-Partit Baath.	28.10.2016
213.	Bishr al-Sabban (magħruf ukoll bħala Mohammed Bishr Al-Sabban; Bishr Mazin Al-Sabban)	Data tat-twelid: 1966; Post tat-twelid: Damasku, Repubblika Għarbija Sirjana; Sess: raġel	Ex-Gvernatur ta' Damasku, li nħatar minn, u hu assoċjat ma', Bashar al-Assad. Jappoġġa lir-reġim u huwa responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja, inkluż it-twettiq ta' prattiki diskriminatorji kontra komunitajiet Sunniti fil-belt kapitali.	28.10.2016
214.	Ahmad Sheik Abdul-Qader (magħruf ukoll bħala Ahmad Sheikh Abdul Qadir; Ahmad al-Sheik Abdulquader) (أحمد الشيخ عبد القادر)	Sess: raġel	Eks Gvernatur ta' Quneitra, assoċjat ma' u maħtur minn Bashar al-Assad. Preċedentement Gvernatur ta' Latakia. Jappoġġa u jgawdi mir-reġim, inkluż permezz ta' appoġġ pubbliku għall-Forzi Armati Sirjani u l-milizzji li huma favur ir-reġim.	28.10.2016
215.	Dr. Ghassan Omar Khalaf (غسان عمر خلف)	Sess: raġel	Eks Gvernatur ta' Hama, li nħatar minn, u hu assoċjat ma', Bashar al-Assad. Hu wkoll jappoġġa u jgawdi mir-reġim. Ghassan Omar Khalaf huwa assoċjat mill-qrib mal-membri ta' milizzja f'Hama affiljata mar-reġim magħrufa bħala l-Brigata ta' Hama.	28.10.2016
216.	Khayr al-Din al-Sayyed (magħruf ukoll bħala Khayr al-Din Abdul-Sattar al-Sayyed; Mohamed Khair al-Sayyed; Kheredden al-Sayyed; Khairuddin as-Sayyed; Khaireddin al-Sayyed; Kheir Eddin al-Sayyed; Kheir Eddib Asayed) (خير الدين ،السيد)	Sess: raġel	Eks Gvernatur ta' Idlib, assoċjat ma' u maħtur minn Bashar al-Assad. Igawdi mir-reġim u jappoġġah, inkluż billi jipprovdi appoġġ għall-Forzi Armati Sirjani u l-milizzji li huma favur ir-reġim. Assoċjat mal-Ministru ta' Awqaf tar-reġim, Dr. Mohammad Abdul-Sattar al-Sayyed, li huwa ħuh.	28.10.2016

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
217.	Atef Naddaf (عاطف نـداف)	Data tat-twelid: 1956; Post tat-twelid: il-kampanja ta' Damasku; Sess: raġel	Ministru għall-Kummerċ Intern u l-Protezzjoni tal-Konsumatur. Maħtur f'Novembru 2018. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	14.11.2016
218.	Hussein Makhlouf (magħruf ukoll bħala Makhluf) (حسـين مخلـوف)	Data tat-twelid: 1964; Post tat-twelid: Lattakia; Sess: raġel	Ministru għall-Amministrazzjoni Lokali. Maħtur f'Lulju 2016. Eks Gvernatur tal-Gvernorat ta' Damasku. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. Kuġin ta' Rami Makhlouf.	14.11.2016
219.	Ali Al-Zafir (علـى الظفـير)	Data tat-twelid: 1962; Post tat-twelid: Tartus; Sess: raġel	Ex-Ministru għall-Komunikazzjoni u t-Teknoloġija. Bħala ex-Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	14.11.2016
220.	Ali Ghanem (علـى غـانم)	Data tat-twelid: 1963; Post tat-twelid: Damasku; Sess: raġel	Ministru għaż-Żejt u r-Riżorsi Minerali. Maħtur f'Lulju 2016. Bħala Ministru tal-Gvern, tikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	14.11.2016
222.	Mohammed (magħruf ukoll bħala Mohamed, Muhammad, Mohammad) al-Ahmed (magħruf ukoll bħala al-Ahmad) (محمد الأحمـد)	Data tat-twelid: 1961; Post tat-twelid: Lattakia; Sess: raġel	Ministru għall-Kultura. Maħtur f'Lulju 2016. Bħala Ministru tal-Gvern, tikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	14.11.2016
223.	Ali Hamoud (magħruf ukoll bħala Hammoud) (علـى حمـود)	Data tat-twelid: 1964; Post tat-twelid: Tartus; Sess: raġel	Ministru għat-Trasport. Maħtur f'Lulju 2016. Bħala Ministru tal-Gvern, tikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	14.11.2016
224.	Mohammed Zuhair (magħruf ukoll bħala Zahir) Kharboutli (محمد زهـير خـربوطلي)	Post tat-twelid: Damasku; Sess: raġel	Ministru għall-Elettriku. Maħtur f'Lulju 2016. Bħala Ministru tal-Gvern, tikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	14.11.2016

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
225.	Maamoun (magħruf ukoll bħala Ma'moun) Hamdan (مأمون حمدان)	Data tat-twelid: 1958; Post tat-twelid: Damasku; Sess: raġel	Ministru għall-Finanzi. Maħtur f'Lulju 2016. Bħala Ministru tal-Gvern, tikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	14.11.2016
226.	Nabil al-Hasan (magħruf ukoll bħala al-Hassan) (نبيل الحسن)	Data tat-twelid: 1963; Post tat-twelid: Aleppo; Sess: raġel	Eks-Ministru għar-Riżorsi tal-Ilma. Maħtur f'Lulju 2016. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	14.11.2016
228.	Abdullah al-Gharbi (magħruf ukoll bħala al-Qirbi) (عبدالله الغربي)	Data tat-twelid: 1962; Post tat-twelid: Damasku; Sess: raġel	Eks-Ministru għan-Negozju Intern u l-Protezzjoni tal-Konsumatur. Maħtur f'Lulju 2016. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	14.11.2016
229.	Abdullah Abdullah (عبدالله عبدالله)	Data tat-twelid: 1956; Sess: raġel	Ministru tal-Istat. Maħtura f'Lulju 2016. Bħala Ministru tal-Gvern, tikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	14.11.2016
230.	Salwa Abdullah (سلوى عبدالله)	Data tat-twelid: 1953; Post tat-twelid: Quneitra; Sess: mara	Ministru tal-Istat. Maħtura f'Lulju 2016. Bħala Ministru tal-Gvern, tikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	14.11.2016
231.	Rafe'a Abu Sa'ad (magħruf ukoll bħala Saad) (رافع أبو سعد)	Data tat-twelid: 1954; Post tat-twelid: Raħal ta' Habran (provinċja ta' Sweida); Sess: raġel	Ministru tal-Istat. Maħtura f'Lulju 2016. Bħala Ministru tal-Gvern, tikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	14.11.2016
232.	Wafiqa Hosni (وفيقة حسني)	Data tat-twelid: 1952; Post tat-twelid: Damasku; Sess: mara	Ministru tal-Istat. Maħtura f'Lulju 2016. Bħala Ministru tal-Gvern, tikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	14.11.2016

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
233.	Rima Al-Qadiri (magħrufa wkoll bħala Al-Kadiri) (ريما ة القادري)	Data tat-twelid: 1963; Post tat-twelid: Damasku; Sess: mara	Ministru għall-Affarijiet Soċjali (minn Awwissu 2015). Bħala Ministru tal-Gvern, tikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	14.11.2016
234.	Duraid Durgham	Sess: raġel	Eks Gvernatur tal-Bank Ċentrali tas-Sirja. Kien responsabbli għall-għoti ta' appoġġ ekonomiku u finanzjarju lir-reġim Sirjan permezz tal-funzjonijiet tiegħu bħala l-Gvernatur tal-Bank Ċentrali tas-Sirja, li huwa wkoll elenkat.	14.11.2016
243.	Ali Wanus (magħruf ukoll bħala: Ali Wannous) (علي وانوس)	Data tat-twelid: 5.2.1964; Titlu: Maġġur Ġeneral; Sess: raġel	Għandu l-grad ta' Maġġur Ġeneral, fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala uffiċjal militari għoli huwa responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili u involut fil-ħżin u l-użu ta' armi kimiċi. Huwa wkoll assoċjat mas-Syrian Scientific Studies and Research Centre (Ċentru tal-Istudji u r-Riċerka Xjentifiċi), entità elenkata.	18.7.2017
258.	Mohamed Mazen Ali Yousef (محمد مازن علي يوسف)	Data tat-twelid: 17.5.1969; Post tat-twelid: il-kampanja ta' Damasku; Sess: raġel	Ex-Ministru tal-Industrija. Maħtur f'Jannar 2018. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	26.2.2018
265.	Jamal Eddin Mohammed Nazer (magħruf ukoll bħala الدين جمال أحمد نذير محمد; Nazir Ahmad, Mohammed JamalEddine)	Sess: raġel Kariga: Kofundatur u azzjonist maġġoritarju ta' Apex Development and Projects LLC u fundatur ta' A'ayan Company for Projects and Equipment. Data tat-twelid: 2.1.1962 Post tat-twelid: Damasku, Repubblika Għarbija Sirjana Nazzjonalità: Sirjana Numru tal-passaport: N 011612445, ħarġa nru 002-17-L022286 (post tal-ħruġ: Repubblika Għarbija Sirjana) In-numru tal-ID: 010-30208342 (Post tal-ħruġ: Repubblika Għarbija Sirjana)	Negozjant prominenti li jopera fis-Sirja b'investimenti sinifikanti fl-industrija tal-kostruzzjoni, inkluż sehem ta' kontroll ta' 90 % f'Apex Development and Projects LLC, li daħal f'impriża konġunta ta' USD 34.8 miljun għall-kostruzzjoni ta' Marota City, żvilupp residenzjali u kummerċjali ta' lussu appoġġat mir-reġim. Bil-parteċipazzjoni tiegħu fl-iżvilupp ta' Marota City, Jamal Eddin Mohammed Nazer igawdi mir-reġim Sirjan u/jew jappoġġah.	21.1.2019

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
272.	Hayan Kaddour (magħruf ukoll bħala Hayyan Kaddour bin Mohammed Nazem; Hayan Mohammad Nazem Qaddour)	Sess: raġel Kariga: Azzjonist primarju ta' Exceed Development and Investment Company. Data tat-twelid: 14.7.1970 jew 24.7.1970 Post tat-twelid: Damasku, Repubblika Għarbija Sirjana Nazzjonalità: Sirjan, Żvizzeru Numru tal-passaport: Nru X4662433 (Post tal-ħruġ: Żvizzera); N 004599905 (Post tal-ħruġ: Repubblika Għarbija Sirjana)	Negozjant prominenti li jopera fis-Sirja, li għandu sehem ta' 67 % f'Exceed Development and Investment, li daħal f'impriża konġunta ta' USD 17,7 miljun għall-kostruzzjoni ta' Marota City, żvilupp residenzjali u kummerċjali ta' lussu appoġġat mir-reġim. Bil-parteċipazzjoni tiegħu fl-iżvilupp ta' Marota City, Hayan Mohammad Nazem Qaddour igawdi mir-reġim Sirjan u/jew jappoġġah.	21.1.2019
275.	Il-Maġġur Ġeneral Mohammad Khaled al-Rahmoun	Data tat-twelid: 1957; Post tat-twelid: Idleb; Sess: raġel	Ministru għall-Intern. Maħtur f'Novembru 2018. Bħala Ministru tal-Gvern, tikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	4.3.2019
276.	Mohammad Rami Radwan Martini	Data tat-twelid: 1970; Post tat-twelid: Aleppo; Sess: raġel	Ministru għat-Turiżmu. Maħtur f'Novembru 2018. Bħala Ministru tal-Gvern, tikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	4.3.2019
277.	Imad Muwaffaq al-Azab	Data tat-twelid: 1970; Post tat-twelid: il-kampanja ta' Damasku; Sess: raġel	Ministru għall-Edukazzjoni. Maħtur f'Novembru 2018. Bħala Ministru tal-Gvern, tikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	4.3.2019
278.	Bassam Bashir Ibrahim	Data tat-twelid: 1960; Post tat-twelid: Hama; Sess: raġel	Ministru għall-Edukazzjoni Għolja. Maħtur f'Novembru 2018. Bħala Ministru tal-Gvern, tikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	4.3.2019
279.	Suhail Mohammad Abdullatif	Data tat-twelid: 1961; Post tat-twelid: Lattakia; Sess: raġel	Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u d-Djar. Maħtur f'Novembru 2018. Bħala Ministru tal-Gvern, tikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	4.3.2019

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
280.	Iyad Mohammad al-Khatib	Data tat-twelid: 1974; Post tat-twelid: Damasku; Sess: raġel	Ministru għall-Komunikazzjoni u t-Teknoloġija. Maħtur f'Novembru 2018. Bħala Ministru tal-Gvern, tikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	4.3.2019
281.	Mohammad Maen Zein-al-Abidin Jazba	Data tat-twelid: 1962; Post tat-twelid: Aleppo; Sess: raġel	Ministru għall-Industrija. Maħtur f'Novembru 2018. Bħala Ministru tal-Gvern, tikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	4.3.2019"

(b) jitneħħew l-entrati li ġejjin:

75. Logutenent Ġeneral Fahid Al-Jassim;

88. Brigadier Ġeneral Ahmed Yousef Jarad;

97. Brigadier Ġeneral Mohsin Makhlouf;

100. Ġeneral Maġġur Suheil Salman Hassan;

168. Omran Ahed Al Zu'bi;

174. Mohammed Turki Al Sayed;

249. Isam Zahr Al-Din;

(c) l-entrati 264 sa 269 għall-persuni ta' hawn taħt huma nnumerati mill-ġdid kif ġej:

Isem il-persuna	Numru tal-entrata attwali	Numru tal-entrata ġdida
Anas Talas	264	282
Jamal Eddin Mohammed Nazer	265	283
Mazin Al-Tarazi	266	284
Samer Foz	267	285
Khaldoun Al-Zoubi	268	286
Hussam Al-Qatirji	269	287

(2) fil-Parti B ("Entitajiet"), jitneħħew l-entrati li ġejjin:

51. Drex Technologies Holding S.A.;

70. DK Group.